

REGOLI TA' PROĊEDURA

EMENDA 1/2014 TAL-15 TA' DIĊEMBRU 2014 GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-BORD SUPERVIŻORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-BORD SUPERVIŻORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13d tagħha,

Billi:

- (1) Ir-raba' sentenza tal-Artikolu 11.3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regoli tal-Proċedura") tipprovdi għal reviżjoni tal-allokazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-erba' gruppi stabbiliti sabiex tiġi ddefinita r-rappreżentanza fil-Kumitat ta' Tmexxija tal-Bord Superviżorju, kif stipulat fl-Anness għar-Regoli tal-Proċedura, meta Stat Membru jadotta l-euro.
- (2) L-adozzjoni tal-euro mil-Litwanja fl-1 ta' Jannar 2015 ⁽⁴⁾, li ser tirriżulta fil-parteċipazzjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti Litwana fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, tfisser li l-awtorità nazzjonali kompetenti Litwana għandha tiġi inkluża f'wieħed mill-erba' gruppi msemmija fil-premessa 1, skont ir-regoli stipulati fit-tieni u l-ħames sentenzi tal-Artikolu 11.3 tar-Regoli tal-Proċedura.
- (3) Għalhekk, ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.

ADOTTA DIN L-EMENDA GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA:

Artikolu 1

Emenda

L-Anness għar-Regoli tal-Proċedura huwa ssostitwit bl-Anness għal dan.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din l-emenda għar-Regoli ta' Proċedura għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Diċembru 2014.

Il-President tal-Bord Superviżorju

Danièle NOUY

⁽¹⁾ ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

⁽²⁾ ĠUL 80, 18.3.2004, p. 33.

⁽³⁾ ĠUL 182, 21.6.2014, p. 59.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/509/UE tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-adozzjoni tal-euro mil-Litwanja fl-1 ta' Jannar 2015 (ĠU L 228, 31.7.2014, p. 29).

ANNEX

"ANNEX

SISTEMA TA' ROTAZZJONI

Għall-finijiet tal-Artikolu 11.3, is-sistema ta' rotazzjoni li ġejja għandha tapplika, fuq il-bażi tad-dejta sal-31 ta' Diċembru 2014:

Grupp	Stat Membru parteċipanti	Numru ta' siġġijiet fil-Kumitat ta' Tmexxija
1	DE FR	1
2	ES IT NL	1
3	BE IE EL LU AT PT FI	2
4	EE CY LV LT MT SI SK	1"